22001D0129

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 129/2001

tat-23 Novembru 2001

li temenda l-Anness I (Materji veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 102/2001 tas-26 ta' Ottubru 2001 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/288/KE li temenda d-Deċiżjoni 92/486/KEE fil-għamla ta' kooperazzjoni bejn iċ-ċentru ospiti ta' l-*ANIMO* u l-Istati Membri ([2]) li trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/351/KE tat-3 ta' Mejju 2000 dwar il-proċedura għan-nomina ta' *server* komuni ġdid għas-sistema integrata veterinarja kkomputerizzata ([3]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Din id-Deċiżjoni ma tridx tapplika għal Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Parti 1.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 12 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/486/KEE):

"– **32000 D 0288**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/288/KE ta' l-4 ta' April 2000 (ĠU L 98, tad-19.4.2000, p. 37)."

2. Il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-punt 103 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/350/KE) fi:

"104. **32000 D 0351**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/351/KE tat-3 ta' Mejju 2000 dwar il-proċedura għan-nomina ta' *server* komuni ġdid għas-sistema integrata veterinarja kkomputerizzata (ĠU L 124 tal-25.5.2000, p. 61).

Dan il-att japplika wkoll għall-Islanda."

([1]) ĠU L 322, tas-6.12.2001, p. 6.
([2]) ĠU L 98, tad-19.4.2000, p. 37.
([3]) ĠU L 124 tal-25.5.2000, p. 61.

Artikolu 2

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tad-Deċiżjonijiet 2000/288/KE u 2000 351/KE fl-ilsien Islandiż u l-ilsien Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-24 ta' Novembru 2001, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt għaż-Żona EE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u fis-Suppliment għaż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmula fi Brussel, fit-23 ta' Novembru 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

E. BULL

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.